MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 750/2001/1

**Milano Due Limited**

**vs**

**Intramed Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz epprezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Awissu, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,640.62) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' servizzi moghtija mis-socjeta' attrici, fuq ordni u struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, f'diversi okkazjonijiet, inkluz l-prezz ta' akkomodazzjoni gewwa l-lukanda Milano Due, Gzira, skond statement anness Dokument A.
Bl-imghax mit-18 ta' Mejju, 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju, 2001, kontra s-socjeta'

konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament:
a. Is-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittima kontradittur u m'ghandhiex ir-rapprezentanza gjuridika tad-diversi 'tour operators' – li jistghu ikunu debituri lejn is-socjeta' attrici – u li taghhom is-socjeta' konvenuta hija biss il-'handling agent' gewwa Malta u bhala tali m'ghandha l-ebda flejjes fil-pussess taghha ta' l-istess 'tour operators' esteri. Ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gjudizzju;
b. fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2147(B) tal-Kodici Civili.
2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost:
a. is-socjeta' konvenuta mhijiex u qatt ma kienet debitrici 'de proprio' tas-socjeta' attrici u lanqas m'hi debitrici taghha llum;
b. is-socjeta' konvenuta taghmilha ta' 'handling agent' gewwa Malta ta' diversi 'tour operators' esteri li jalloggjaw il-klijenti taghhom gewwa diversi lukandi u postijiet ohra gewwa Malta – fosthom il-lukanda tas-socjeta' attrici. Kull meta saru xi negozjati bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta, din ta' l-ahhar dejjem agixxiet fil-kwalita' taghha fuq imsemmija u qatt ma assumiet ir-responsabbilita' personali ghall-ebda pagament li seta kien dovut minn xi wiehed mit-'tour operators' in kwistjoni li qatt ma kellha r-rapprezentanza gjuridika taghhom;
c. salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, is-socjeta' attrici qeda titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,640.62) ghall-servizzi ta' akkomodazzjoni fil-lukanda taghha 'Milano Due' illi saru bejn it-12 ta' April, 1994 u t-2 ta' Ottubru, 2000 allegatament a beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Minn naha taghha s-socjeta' konvenuta qeda tghid illi dawn is-servizzi kienu gew moghtija lill-*tour operators* barranin u li hi kienet biss *handling agent* u ghalhekk ma kinitx responsabbli ghan-nuqqas ta' hlas tat-*travel agents* barranin.

Ikkunsidrat:

Irrizulta bil-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali hajja fil-qasam tat-turizmu fejn is-socjeta' attrici bil-lukanda taghha Milano Due kienet tipprovdi akkomodazzjoni u servizzi ohra ancillari lill-klijenti li kienu jigu Malta tramite s-socjeta' konvenuta. Ftehim bil-miktub bejn il-partijiet ma kienx hemm u gie rikonoxxut illi ghad hemm ammont pendenti dovut lis-socjeta' attrici.

L-ilment principali tas-socjeta' konvenuta hu li hija ma kinitx responsabbli peress illi dejjem agixxit bhala *handling agent* ghat-*tour operators* barranin.

Jidher, illi din l-eccezzjoni ghandha l-fandament taghha, peress illi Joseph Abdilla, ex-*general manager* tal-lukanda Milano Due, ikkonferma illi, "… is-socjeta' Intramed kienet *handling agent* tas-socjetajiet fl-esteru…". Spjega kif, il-klijenti mall-wasla taghhom fil-lukanda jkollhom *voucher* mis-socjeta' ta' barra. Din il-*voucher* tinghata lil-lukanda biex jithasllsu mill-agenti lokali, f'dan il-kaz l-Intramed. Fuq il-*voucher* ikun hemm is-servizz mitlub, minhu responsabbli tal-pagament, il-kondizzjonijiet tal-mawra u l-identita' tal-*handling agent*. Abdilla jkompli jghid, "Il-*voucher* illi nircievu minghand il-klijent, huwa fil-fatt dokument illi jikkonferma il-kreditu li l-lukanda ghandha tiehu minghand is-socjeta' fl-esteru."

Jerga jirrepeti Anthony Boyanzis a fol. 86 fejn jikkonferma li l-*voucher* jirrispetta kreditu dovut mis-socjeta' fl-esteru.

Claude Muscat in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta xehed a fol. 89 li l-*voucher* ikun indirizzat lill-lukanda, ikun hemm miktub is-servizzi li l-klijent ikun diga hallas ghalihom minn qabel lit-*tour operator* barrani. Bhala *handling agents* jircievu struzzjonijiet minghand it-*tour operator* barrani sabiex ihallsu lill-lukanda, mhumiex responsabbli ghad-dejn illi jkun ghamel it-*tour operator*.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova illi l-ammont reklamat huwa fil-fatt dovut mis-socjeta' konvenuta, anzi mix-xhieda prodotta minnha stess jirrizulta l-oppost, illi l-bilanc huwa dovut mit-*tour operator* barrani. Iz-zewg *general managers* Abdilla u Boyanzis, jikkonfermaw li s-socjeta' konvenuta hadmet bhala *handling agent* ghas-socjetajiet fl-esteru u l-aktar dokument importati, l-*voucher*, jirrifletti l-hlas illi ghandu jsir mis-socjeta' barranija. Hija haga kurjuza kif f'dawn l-atti ma gietx esebita *sample* ta' din il-*voucher* fejn il-kwistjoni kienet tinqata' darba ghall-dejjem ghax fuqha kien ikun dikjarat min kellu jhallas lil-lukanda.

Pero' mill-provi illi ghandha quddiema, l-Qorti hija sodisfatta illi dan il-hlas zgur illi m'ghandux jigi minghand is-socjeta' konvenuta, illi bhala *handling agent* mhiex responsabbli ghad-dejn tat-*tour operators* barranin. Il-kompitu taghha huwa li taghti servizzi lill-klijenti illi jigu minn barra ghan-nom tat-*tour operator*, pero' mhux in rapprezentanza tieghu jew b'xi prokura fejn jista' jigi assunt xi obbligu ghan-nom tas-socjeta' fl-esteru.

Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta illi s-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli ghall-ammont reklamat mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------